MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 518/2009

APS Bank Limited (Reg Numru C 2192)
vs
Alan Jones Briffa u b'digriet tal-31 ta' Awissu 2009 Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lil Alan Jones Briffa

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors guramentat ta' APS Bank Limited li gie konfermat bil-gurament minn Joseanne Gauci li bih espona:

1. Illi l-intimat Alan Jones Briffa huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' mija u hamsa u erbghin elf, tmien mija u hamsa u disghin Euro u sbatax-il Euro centezmu (Euro 145,895.17) rapprezentanti in kwantu mija u hamsa u tletin elf, seba' mija u erbgha Euro u wiehed u disghin Euro centezmi (Euro 135,704.91) bilanc dovut fuq il-kont APlus numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha tlieta

sebgha xejn disgha hamsa (20000437095) [kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument A] u in kwantu ghal ghaxart elef, mija u disghin Euro u sitta u ghoxrin Euro centezmu (Euro 10,190.26) bilanc dovut fuq il-kont *Interest Disposal* bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn sitta erbgha sitta tmienja hamsa hamsa (20000646855) [kopja annessa mar-rikors guramentat u immarkata bhala Dokument B] oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2008 sal-pagament effettiv.

2. Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti u fil-fehma ta' l-istess socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi, fil-fehma ta' l-istess socjeta` rikorrenti, il-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba tal-hlas ta' l-imsemmi ammont komplessiv;

3. Illi ghalkemm l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont hawn fuq imsemmi lis-socjeta` rikorrenti, inkluz b'ittra legali datata 11 ta' Frar 2008 u ittra ufficjali datata 30 t'April 2008, [kopji annessi mar-rikors u immarkati bhala Dokument C u Dokument D rispettivament] huwa baqa' inadempjenti;

4. Illi s-socjeta' rikorrenti intavolat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' l-istess intimat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat;

5. Illi r-rapprezentanta tas-socjeta` rikorrenti ghandha konjizzjoni ta' dawn il-fatti;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant in vista tal-premess is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha, prevja d-dispensa mis-smigh a tenur ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' mija u hamsa u erbghin elf, tmien mija u

hamsa u disghin Euro u sbatax-il Euro centezmu (Euro 145,895.17) rapprezentanti in kwantu mija u hamsa u tletin elf, sebgha mija u erba’ Euro u wiehed u disghin Euro centezmu (Euro 135,704.91) bilanc dovut fuq il-kont APlus numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha tlieta sebgha xejn disgha hamsa (20000437095) [kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument A] u in kwantu ghal ghaxart elef, mija u disghin Euro u sitta u ghoxrin Euro centezmu (Euro 10,190.26) bilanc dovut fuq il-kont *Interest Disposal* bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn sitta erbgha sitta tmienja hamsa hamsa (20000646855) [kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument B] oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2008 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 11 ta' Frar 2008, ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta’ April 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat, u bl-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat id-digriet tal-31 ta’ Awissu 2009 li permezz tieghu gew nominati Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici kuraturi biex jirrapprezentaw lill-intimat.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li biha esponew:

Illi huma ma jafu xejn bil-fatti li wasslu ghal dan il-kaz izda hekk kif il-bank attur jghaddilhom kull taghrif li ghandu dwar Alan Jones Briffa – li ghalih huma nhatru biex jidhru – huma jaghmlu l-almu taghhom kollu biex jaqbdu mieghu halli jaqdu dmirhom kif imiss.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat in-nota tat-3 ta’ Dicembru 2009 bid-dettalji dwar Alan Jones Briffa prezentata u li tinsab a fol 37 tal-process.

Xehdet Cheryl Azzopardi, rapprezentanta ta’ l-APS Bank li qalet li minn meta prezentat ir-rikors odjern il-bilanc zdied u ma saru l-ebda pagamenti min-naha tal-klient. Qalet li l-bilanc jizdied kuljum u *presso a poco* l-bilanc dovut huwa ta’ €159,895.34. Ikkonfermat li l-ammont kollu dovut ghadu dovut sa llum u zdied ukoll.

In kontro ezami qalet li l-klient jinsab barra minn Malta u ma jistghux jikkuntattjawh bl-ebda mod, u waqaf jaghmel il-pagamenti. Meta ha s-self l-ewwel darba kien residenti Malta pero` kemm-il darba ippruvaw jaghmlu kuntatti mindu issa m’ghandux Malta u ma rnexxielhom. L-ahhar pagament kien fit-23 ta’ Jannar 2007. 0

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi jidher li s-socjeta` rikorrenti issodisfat it-talba taghha li l-intimat Alan Jones Briffa huwa debitur taghha fl-ammont ta’ €145,895.17 rapprezentanti bilanc dovut fuq il-kont APlus 20000437095 l-ammont ta’ €135,704.91 u bilanc dovut fuq il-kont *Interest Disposal* 200046855 l-ammont ta’ €10,190.26 oltre imghax ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2008 sal-pagament effettiv.

Illi fil-kaz in ezami ma kienx il-kaz li jkun hemm id-dispensa tas-smigh a tenur tal-Kap 12 art 167 sa 170, izda t-talba principali ghandha tigi milqugha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi, wara li l-Qorti ezaminat il-provi, tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ €145,895.17 oltre l-imghax ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru, 2008 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 11 ta' Frar 2008, ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta’ April 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat, u bl-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------